# Is-Sejħa

*Ta'* Patri Ġużeppi Mejlak, S.J.

*(Mit-Taljan)*

*Misit verbum suum*
*Venite ad me omnes*

Dirgħajh 'il fuq tiex jagħti l-barka rafa',
u kienu b'leħħa hienja għajnejh middija,
Il-Kliem bi ħlewwa kbira mar-riħ tafa',
iż-Żerriegħ Nazzarenu tal-qdusija :

— Intom ilkoll li tħossu ġewwa fikom
xewqa tal-Ġenna u minn did-dinja mxabbgħa,
*Ejjew* għal għandi, li Jien ġejt għalikom —
bi tbissima qal Hu mimlija mħabba.

Tmur tidwi dik il-Kelma tas-smewwiet
ma' l-ibħra, mal-għelieqi, u mal-għoljiet;

mal-għoljiet, mal-għelieqi, u l-ibħra ddub
is-SEJĦA mqaddsa tal-Mulej maħbub.

* * *

*Et protinus ...secuti sunt Eum.*

Tmur fuq il-bħajra ċara tal-Galil
mas-siekta fewġa
Il-Kelma tiegħu. Dlonk jibda t-taħjil
iwarrad f'wiċċ il-mewġa,
fir-rix tal-qasab fuq xfar l-ilma mmejjel,
fil-bewsa tax-xemx sħuna f'nofs in-nhar :
bħal ġelbin faqsi minn ta' eluf ta' xtejjel
li fir-rebbiegħa jżejnu l-art bin-nwar.

Il-Kelma tiegħu tmur bħal ħsieb irqiq
tâmar bis-saħħa :
— Imxu warajja — Kull qalb irżina t-triq
malajr taqbad minn tagħha.
Jerħu s-sajjieda l-baħar, il-parit,
id-dgħajsa, u kollox...... is-Sejħa fehmuha,
imorru lejn Ġesù mingħajr taħbit
għalkemm ma jafu mnejn Hu ġej, min Huwa.



* * *

Mal-qasam tal-qamħ u d-dwieli, u mal-bur
imħolli għar-riegħi
Il-Kelma ta' l-Imgħallem tiġri u tmur
ittenni : — Ejjew għal miegħi. —
Għal dik il-Għajta jitilqu l-fies fit-tub
il-għażżieqa, u jmexxu lkoll ferħana,
...... bil-ħrara Lejh jinġibdu dawk il-qlub
bla ma jafu mnejn ġej jew min Hu dana.

Mal-ġebel aħrax, u mas-sbieħ għoljiet
tal-Palestina
tittajjar bħal għasfur titla' fis-skiet
dik l-imqaddsa Stedina.
Jerħu ż-żabbara slielem, mwies u ħbula
dment li l-Leħen fuq rashom huwa għaddej,
u lejn in-Nabi l-ġdid kollha jerħulha
bla mank jafu min Hu, jew mnejn Hu ġej.

* * *

*Et... evangelizavit pacem.*
*Euntes ergo docete omnes gentes.*

Lin-nies li nġabru ħdejh flimkien imxierka
u għalih ħallew id-dinja lkoll qalbiena
mar jgħid : — F'qalbi waqqaft għamara mbierka,
u kull min jidħol fiha jsib il-ħniena.

Min beka s'issa ntih il-ferħ u nsabbru,
min għex fid-dlam intih id-dawl tal-ħajja;
*morru* dil-miġja tiegħi kullimkien ħabbru,
intom li smajtu s-sejħa u ġrajtu wrajha. —

Tmur tidwi dik il-Kelma tas-smewwiet
ma' l-ibħra, mal-għelieqi, u mal-għoljiet;
mal-għoljiet, mal-għelieqi, u l-ibħra ddub
il-BAGĦTA mqaddsa tal-Mulej maħbub.